# San Ġorġ Preca u s-'Sbejħa Loreta'

## Tikteb Pauline Grech, Head ta' l-Iskola Primarja t' Ghajnsielem



Fis-santwarju ta' Loreto hemm konservat, skond tadizzjoni antika, id-dar ta' Nazaret li fiha kienet tgħix Ommna Marija. Id-dar fejn kienet toqgħod Marija f'Nazaret kienet tikkonsisti f'żewġ partijiet: grotta imħaffra fil-blat,li għadha sallum ivveneratafil-Bażilka ta' l-Annunzjazzjoni f'Nażaret u dar tal-ġebel mibnija fuq il-grotta.

Skond it-tradizzjoni,fl-1291 meta l-kruċjati ġew imkeċċijin darba għal dejjem mill-Palestina din id-dar tal-ġebel ġiet trasportata "mill-anġli" l-ewwel fl-Illiria u imbagħad f'Loreto (10 ta' Diċembru1294). Illum, b'riżultat tal-iskavar arkejoloġiku li sar taħt id-dar (1962 -65) u ta' studji filoloġiċi u ikonografiċi l-istudjużi jinsabu kważi ċerti li l-ġebel nġarr fuq vapur minn Nażaret għal Loreto. Hu x'inhu nistgħu ngħidu lil-ġebel ta' Loretu mhuwien biss relikwa imam jrid ifakkarna kontinwament fl-ikbar żewġ misterji tar-reliġjon kattolika jiġifieri:

Il-Misterju tat-Trinita' Qaddisa li jfisser li Alla huwa wieħed fi tliet persuni distinti li huma l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu u Il-Misterju tal-Inkarnazzjoni lijfisser li Ġesu' Kristu għalkemm huwa Alla veru sar Bniedem veru bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu u bl-IVA li qalet Marija li allura hija ukoll vera Omm Alla.

Issa jekk kien hawn qaddis li kien verament devot ta' dawn iż-żewġ misterji dan kien proprju San Ġorġ Preca. Nistgħu niktbu ktieb sħiħ dwar dan. Jiena se nillimita ruħi għal ftit fatti u riflessjonijiet.




### San Ġorġ u t-Trinita'




Sa minn meta kien għadu kjeriku Dun Ġorġ kellu imħabba kbira lejn il-misterju tat-Trinita'. It-Trinita' kienet iċ-ċentru ta' ħajtu. Din id-devozzjoni baqgħet tikber fih sa ma miet. Biżżejjed wieħed isemmi li meta lejn l-aħħar ta' xjuħitu,minħabbafil-mard kellu l-permess li jqaddes fid-dar tiegħu stess wieħed soċju pittirlu xbiha tat-Trinita' biex Dun Ġorġ iżommha mal-artal fejn kien iqaddes, il-qaddis stqarr: "Li kieku tlajt fil-Lotterija żgur li ma kontx nifraħ daqshekk!"

Fatt ieħor interessantihu li San Ġorġ kien jgħożż statwa ħelwa ta'Santa Ċeċilja. Jingħad lidin il-qaddisa mietet b'idejja msallbin waħda fuq l-oħra b'id waħda b'sebgħa wieħed miftuħ u bl-id l-oħra bi tlett' iswaba miftuħin. B'hekk il-qaddisa riedet tistqarr il-fidi tagħha f'Alla wieħed fi tliet persuni fil-punt tal-mewt tagħha. Kien għalhekk li s-Soċjeta' tal-Museum riedet li fil-figura tax-xemgħa ta' San Ġorġ lihemm fuq il-fdalijiet tiegħu fil-Blata l-Bajda l-qaddis tagħna ukoll ikollu idejhli qegħdinfl-istess pożizzjoni li kellha Santa Ċeċilja. B'hekk Dun Ġorġ għadu sallum iwassal messaġġ ta' fidi fit-Trinita' Qaddisa għalkull minimur jinvistaħ fil-Blata l-Bajda. Donnu jrid jistedinna biex meta nitolbu liluma niqfux fuqu imam niftakru pjuttost f'Alla l-Imbierek. Kienet tassew ħaġa providenzjali li Dun Ġorġ jiġi kkanonizzat fit-3 ta' Ġunju meta l-Knisja kienet qed tiċċelebra s-Solennita' tat-Trinita'.

### San Ġorġ u l-Inkarnazzjoni

Jekk San Ġorġ kien devot lejn it-Trinita' qaddisa x'ngħidu li kien lejn il-Misterju tal-Inkarnazzjoni. Kien San Ġorġ Preca li xerred ma Malta kollhad-devozzjoni lejn il-kliem adorabbli 'Verbum Dei caro factum est' li kif jaf kulħadd tfisser 'L-Iben t'Alla Sar Bniedem'. U l-Iben t'Alla sar bniedem proprju fid-dar ta' Nażaret fejn Marija qalet l-IVA tagħha. In-nies ta' Għajnsielem għalhekk għandhom iħossuhom marbutin iktar minn nies ieħor mal-Verbum Dei u m'għandu jkun hemm l-ebda dar f'Għajnsielem li fiha ma ssibx dan il-kliem imwaħħal mal-ħajt. Dun Ġorġ tant kien konvint li l-Misterju ta' l-Inkarnazzjoni seħħ fid-dar ta' Nażaret li ried li jkollu xbiha tal-Madonna marbuta ma dan il-misterju. B'hekk huwa ordna pittura li fiha il-Madonna tidher bl-Ispirtu s-Santu fuq rasha u fuq sidirha l-kelmiet 'Verbum Dei'.

Dawn ix-xbihat u t-titli tal-Madonna qegħdin hemm biex jgħinuna. Imma jekk aħna verament irridu nuru l-imħabba tagħna lejn il-Madonna ta' Loretu mhux biżżejjed li ngħajjtu 'viva x-xemx'. Jeħtieġ li s-'sbejħa Loreta' tfakkarna kontinwament fiż-żewġ misterji tar-reliġjon tagħna. Jeħtieġ li d-devozzjoni lejn dawn il-misterji ma nuruhomx biss fi żmien il-festa permezz ta' qrara u tqarbina tajbin imma nuruha ukoll matul is-sena kollha billi kuljum infittxu li ngħidu IVA lil Alla kif għamlet Marija.